Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

PUBLIC

Brussell, 16 ta' Diċembru 2019
(OR. en)

14886/19
ADD 1
LIMITE
PV CONS 69
ECOFIN 1121

# ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji)

5 ta' Diċembru 2019

## WERREJ

**Paġna**

**Attivitajiet mhux leġislattivi**


11 Aġenda dwar Finanzi Sostenibbli ........ 3

12. Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni biex jiġi indirizzat is-self improduttiv fl-Ewropa ........ 3

13. Deċiżjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir ........ 3

14. Affarijiet oħra ........ 3
Lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx

ANNESS - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill ........ 4


***

## Attivitajiet mhux leġislattivi

**11. Aġenda dwar Finanzi Sostenibbli** 14335/19

*Informazzjoni mill-Kummissjoni u skambju ta' fehmiet*

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet rigward l-aġenda dwar finanzi sostenibbli futura abbażi tan-Nota ta'Analiżi mill-Presidenza u preżentazzjoni mill-Kummissjoni.

**12. Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni biex jiġi indirizzat is-self improduttiv fl-Ewropa**

*Preżentazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-aġġornament mill-Kummissjoni u tal-intervent mill-BĊE.

**13. Deċiżjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir** 14176/19 14177/19 14178/19 14179/19

*Adozzjoni*

Il-Kunsill adotta Deċiżjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu li ma ttieħdet l-ebda azzjoni effettiva mill-Ungerija u r-Rumanija b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2019, u Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill bil-ħsieb li tiġi korretta d-devjazzjoni sinifikanti osservata mill-perkors ta' aġġustament.

**14. Affarijiet oħra**

**Lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx** 14699/19

*Preżentazzjoni mid-delegazzjoni Daniża*

Il-Kunsill ħa nota tal-fehmiet tad-Danimarka u delegazzjonijiet oħrajn dwar tisħiħ ulterjuri possibbli tal-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa.

**Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" mhux leġislattivi li jinsabu fid-dokument 14453/1/19 REV 1**

| | |
|---|---|
| **Dwar il-punt "A" nru 19:** | **Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni mal-Ġordan**<br>*Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew* |
| **Dwar il-punt "A" nru 20:** | **Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar Żona ta' Avjazzjoni Komuni mal-Moldova**<br>*Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew* |
| **Dwar il-punt "A" nru 22:** | **Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni mal-Iżrael**<br>*Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew* |

**DIKJARAZZJONI MINN SPANJA**

"Spanja tiddikjara b'dan li l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni ma taffettwax il-pożizzjoni legali tagħha dwar it-tilwim dwar is-sovranità li jikkonċerna t-territorju fejn jinsab l-Ajruport ta' Ġibiltà. Spanja tinnota li fl-20 ta' Novembru 2012 infurmat lill-Kummissjoni li ma kinitx għadha tqis id-Dikjarazzjoni ta' Córdoba bħala fis-seħħ u għalhekk, minn dik id-data, ma baqgħetx tqis li kien aċċettabbli li tkompli tagħmel referenza għad-Dikjarazzjoni Ministerjali tat-18 ta' Settembru 2006 dwar l-Ajruport ta' Ġibiltà (Dikjarazzjoni ta' Córdoba) fil-leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar l-avjazzjoni ċivili u għaldaqstant talbet ritorn għas-sitwazzjoni qabel it-18 ta' Settembru 2006 fi kwalunkwe proposta għal leġislazzjoni ġdida."